**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 26 ta' Novembru, 2020.**

**Rikors Nru. 37/06GM**

**P.O.G. Limited u Petralux Limited**

**vs**

1. **Onorevoli Ministru għall-Kommunikazzjoni u Progetti Nazzjonali**
2. **Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet Onorevoli Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali**
3. **Direttur tal-Kostruzzjoni u Manutenzjoni**
4. **Awtorita' ta' Malta Dwar ir-Riżorsi**
5. **Onorevoli Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali**
6. **Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta**
7. **Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat tas-soċjetajiet attriċi li permezz tiegħu wara li esponew:-

> Illi l-istanti P.O.G. Limited tipposjedi ħanut ta' spiżerija debitament liċenzjata, bix-showroom u kmamar u kliniċi ta' konsultazzjoni, bla numru uffiċjali, magħrufa bl-isem Drugshop Dispensary fi Vjal De La Cruz kantuniera ma' Triq Spiteri Fremond, f'Ħal Qormi filwaqt illi l-istanti

Peralux Limited tiġġestixxi l-istess Drugshop Dispensary f'Ħal Qormi u anki tipposjedi maħżen u fond konness ma' l-istess Drugshop Dispensary.

Illi in segwitu ta' maltemp fil-15 u fis-17 ta' Settembru 2003, l-inħawi ta' l-istess Drugshop Dispensary f'Ħal Qormi kienu batew għargħar minn ilma tax-xita maħmuġ ieħor u drenaġġ li żbroffa mis-sistema tad-drenaġġ li l-konvenuti, kollha jew min minnhom, kellhom il-responsabbilita' skond il-liġi li jipprevjenu;

Illi kaġun ta' l-istess għargħar, l-istanti batew danni konsiderevoli fl-imsemmija spiżerija Drugshop Dispensary, showroom, maħżen, kmamar u kliniċi ta' konsultazzjoni, tagħmir u diversi apparat kliniċi u diversi merċi u stock, għal liema, danni jaħtu unikament il-konvenuti, kollha jew min minnhom, għall-għemil u/jew nuqqasijiet, atti u/jew ommissjonijiet tagħhom jew ta' min minnhom, minħabba negliġenza u traskuraġni, imprudenza, imperizja, nuqqas ta' ħsieb mistenni u/jew meta ma pprovdewx għat-tindif, ġmiegħ, ħzin, skular u drenaġġ, użu jew użu mill-ġdid u/jew disponiment ta' l-ilma tax-xita fl-istess inħawi ta' l-indirizz tad-Drugshop Dispensary f'Ħal Qormi, kif sejjer jirriżulta aħjar fit-trattazzjoni tal-kawża;

Illi interpellati uffiċjalment sabiex jersqu għal-likwidazzjoni u għall-ħlas tad-danni, il-konvenuti baqgħu inadempjenti;

Talbu lil din il-Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li l-konvenuti jew min minnhom huma responsabbli għad-danni mill-istanti fid-Drugshop Dispensary, Vjal De La Cruz kantuniera ma' Triq Spiteri Fremond, f'Ħal Qormi, fix-showroom, maħżen, kmamar u kliniċi ta' konsultazzjoni, u diversi tagħmir u apparat kliniku, merċi u stock li kienu hemm jinsabu, fl-għargħar ta' ilma tax-xita u drenaġġ żbroffat li seħħ fil-15 u fis-17 ta' Settembru 2003 fl-inħawi tal-istess Drugshop Dispensary f'Ħal Qormi;

2. Tillikwida occorrendo bl-opera ta' periti nominandi, l-istess danni sofferti mill-istanti fid-Drugshop, Vjal De La Cruz kantuniera ma Triq Spiteri Fremond, f'Ħal Qormi, fix-showroom, maħżen, kmamar u kliniċi ta' konsultazzjoni, u diversi tagħmir u apparat kliniku, merċi u stock li kienu hemm jinsabu, fl-għargħar ta' ilma tax-xita u drenaġġ zbroffat li seħħ fil-15 u fis-17 ta' Settembru 2003 fl-inħawi tal-istess Drugshop Dispensary f' Ħal Qormi;

3. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex iħallsu dik is-somma hekk likwidata in linea ta' danni kif fuq ingħad.

Bl-imgħaxijiet u bl-ispejjeż tar-rikors u ta' l-ittri uffiċjali ta' l-20 ta' Jannar 2004 u t-30 t'Awissu 2005 kontra l-konvenuti.

Rat in-Nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenuti l-Onorevoli Ministru għa-Riżorsi u l-Infrastruttura, Direttur Ġenerali tat-Taqsima Xogħlijiet, Direttur tad-Dipartiment tal-Kostruzzjoni u Manutenzjoni u l-Onorevoli Ministru għall-Iżvilupp Urban u Toroqipprezentata fis-27 ta' Frar 2006 li permezz tagħha eċċepew:-

1. Preliminarjament illi l-konvenuti l-Onorevoli Ministru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura u L-morevoli Ministru għall-Izvilupp Urban u Toroq, mhumiex il-leġittimi ontradditturi u dan ai termini ta' l-Artikolu 181B(1) tal-Kodiċi t'Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta).
2. Illi l-konvenuti eċċipjenti jirrespingu it-talbiet ta' l-atturi fil-konfront tagħhom bħala infondati fil-fatt u fid-dritt u dana kif ser jiġi ppruvat waqt is-smiegħ tal-kawża, stante li l-esponenti mhumiex responsabbli għall-maltemp li ħakmet il-gżejjer maltin fil-15 u fis-17 ta' Settembru 2003.
3. Illi bejn il-15 u s-17 ta' Settembru 2003, niżlet xita straordinarja li kienet kkawżat diversi inċidenti ta' għargħar madwar Malta, fosthom f'Ħal Qormi, izda l-esponenti ma jistgħux iwieġbu għall-ħsara kkawzata min tali għargħar billi huma ma jirrispondux għal danni kaġunati minn każ fortuwitu jew forza maġġuri u għalhekk ma jweġbux għad-danni li huma ma kellhom ebda kontribut għalihom u konsegwentement lanqas m'għandhom ibatu l-ispejjeż.
4. Illi l-ħanut u l-maħzen ta' l-atturi jinsabu f'wieħed mill-aktar livelli baxxi ta' Ħal Qormi.
5. Illi imkien miċ-ċitazzjoni jew mid-dikjarazzjoni attriċi ma jirriżulta illi hemm xi allegat illi għalih jirrispondu l-konvenuti eċċipjenti.

Rat in-Nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuta Awtorita' ta' Malta dwar ir-Riżorsi li permezz tagħha eċċepiet:-

1. Illi in linea preliminari, it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u inoltre l-Awtorita eċċipjenti għandha tiċi liberate mill-osservanza tal-ġudizzju, billi l-allegat nuqqas jew responsabbilita' ma tinkwadrax ruħha taħt ebda waħda mill-funzjonijiet u responsabbilitajiet ta' l-Awtorita' eċċipjenti.

2. Illi sussidjarjament u mingħajr preġudizzju għall-premess it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt billi l-Awtorita' eċċipjenti dejjem wettqet il-funzjonijiet tagħha bir-reqqa u skond il-liġi.
3. Illi sussidjarjament u bla preġudizzju għall-premess l-akkadut in kwistjoni ġie kaġunat minħabba forza maġġuri u kwindi l-Awtorita' eċċipjenti ma taħti xejn u m'għandha tbati ebda danni jew ħsara allegatament sofferti mill-atturi.

Rat in-Nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi li eċepixxa:-

1. Illi fl-ewwel lok, il-Kunsill ta' Ħal Qormi mhuwiex il-leġittimu kontradittur.
2. Illi mingħajr preġudizzju għal dak ġia eċċepit, il-konvenut Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi m'għandu iwieġeb għall-ħsarat li allegatament soffrew is-soċjetajiet attriċi u dan kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.
3. Illi l-konvenut Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi mhuwiex responsabbli tas-sistema tad-drenaġġ u l-anqas ma huwa responsabbli għal xi Sistema oħra intiża biex tikkontrolla l-għargħar fl-inħawi tal-fond fejn allegatament seħħ dannu għas-soċjetajiet attriċi.
4. Illi mingħajr preġudizzju għal dak ġia eċċepit, fid-dati indikati fiċ-ċitazzjoni seċċhet maltempata ta' natura straordinarja u għalhekk id-danni li allegatament sofferti mill-atturi m'għandhomx jiġu mħallsa mill-konvenut Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi stante li japplika l-artikolu 1029 tal-kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat in-Nota tal-eċċezzjonijiet tal-Awtorita' dwar it-Trasport f'Malta li eċepiet:-

1. Illi, preliminarjament l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta, mhiex leġittimu kontradittur f'dan il-kaz, stante l-fatt illi l-installazzjoni u l-manutenzjoni tas-sistema tad-drenaġġ ma jaqawx taħt il-mansjonijiet tagħha u għalhekk ma tistax tinzamm responsabbli għal xi ħsara li tirrizulta mill-istess.
2. Illi inoltre, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-triq in kwistjoni hija waħda residenzjali u għaldaqstant il-manutenzjoni tagħha ma taqax taħt ir-responsabbilita' ta' l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta.
3. Illi għaldaqstant l-eċċipjenti tirrespinġi t-talbiet attriċi fil-konfront tagħha bħala kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u tgħid illi għalhekk dawn għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjez kontra l-atturi.

Rat ir-rapport tal-periti Dr Peter Caruana Galizia u l-AIC David Pace ("il-periti oriġinali").

Rat ir-rapport tal-periti addizzjonali Dr Franco Galea, Dr Simon Mizzi u l-AIC Joseph Bugeja.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

Ikkunsidrat:

***Mertu***

L-atturi qegħdin jitolbu l-likwidazzjoni u ħlas ta' danni fi spiżerija, maħżen, klinika u fond anness ilkoll proprjeta` tagħhom ikkawżati minn għargħar konsistenti f'ilma tax-xita, ilma maħmuġ ieħor u drenaġġ li żbroffa mis-sistema ta' drenaġġ wara maltempata li faqqgħet bejn il-15 u s-17 ta' Settembru 2003. L-atturi jixħtu r-responsabilita` fuq il-konvenuti bħala l-awtoritajiet governattivi li kellhom ir-responsabilita` li jipprevjenu l-għargħar u li kienu negliġenti fil-kostruzzjoni u manutenzjoni tal-imxija tal-ilma. Min-naħa l-oħra, l-konvenuti, fil-mertu, jeċċepixxu li f'dawk il-jiem niżlet xita b'intensita` straordinarja u allura d-danni kienu kkawżati mill-każ fortuwitu.[1]

Din hi kawża li ġiet ferm ikkombattuta, bi preżentazzjoni ta' rapporti t'esperti *ex parte*, rapporti dwar il-qagħda infrastrutturali dwar il-*flow* tal-ilma fl-inħawi li l-awtoritajiet rilevanti kellhom qabel il-maltempata, u diversi rapporti b'kejl differenti tax-xita li niżlet waqt il-maltempata in kwistjoni. Il-provi mressqa miż-żewġ partijiet kienu spiss konfliġġenti. Biex tgħaxxaqha hemm konflitt bejn l-esperti maħtura mill-Qorti stess, ċjoe` bejn il-periti oriġinali u l-periti perizjuri. Għalhekk din il-Qorti eżaminat bir-reqqa l-provi kollha prodotti biex setgħet tiżen liema verżjoni hija l-iktar waħda attendibbli fuq livell ta' probabilita`.

L-ewwel periti ġudizzjarji, għalkemm sabu li kien hemm nuqqasijiet fis-sistema tal-korsa tal-ilma li kienet ilha teżisti għal snin twal, ikkonkludew li l-kawża prossima tal-għargħar kienet ix-xorta straordinarja u imprevedibbli tal-maltempata. Irraġunaw "li kieku n-nuqqasijiet identifikati fir-rapporti tal-

[1] Il-Ministru għar-riżorsi u l-infrastruttura, Direttur tat-Taqsima Xogħlijiet, Diretur tad-Dipartiment tal-Kostruzzjoniu Manutenzjoni, u l-Ministru għall-Iżvilupp Urban u Toroq (eċċezzjonijiet numri 2 u 3); L-Awtorita` ta' Malta dwar ir-Riżorsi (eċċezzjoni numru 3); il-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi (eċċezzjoni numru 4);

konsulenti tal-atturi kienu verament il-kawża prinċipali ta' dana l-għargħar kollu, wieħed jistenna illi għargħar simili iseħħ iktar ta' spiss, iżda fortunatament ma ġarax hekk."[2] Għalhekk attribwew il-ħsarat li batew l-atturi għall-forza maġġuri.

Il-Periti Perizjuri ma qablux mal-ewwel periti. Irrelataw li:

> "*force majeure* fil-konfront ta' opri ta' inġinerija ċivili tfisser avveniment barra mill-parametri ta' kriterji tad-disinn u kalkoli li bihom ġew imfassla l-istess opri. Jiġifieri, per eżempju, is-sistema tal-kanali tal-widien kienu mfassla għall-ikbar intensita` ta' xita prevista darba kull 10 snin. Mela, jekk tagħmel intensita` ta' xita li hi ta' darba kull 100 sena, hemmhekk tidħol il-*force majeure*. U lanqas ma jfisser li l-eċċezzjoni (jiġifieri xita ikbar minn dik ikkalkulata fid-disinn) twassal awtomatikament għall-għargħar jew ħsara strutturali fil-kanal stess. Hemm dak li jissejjħu *factors of safety* biex, jekk jinqalgħu okkażjonijiet rari hekk, il-kanali stess jibqgħu integri.
>
> "Il-parametri tad-disinn tal-kanali tax-xita, jiġifieri intensita` superfiċi kontributorja, *time of concentration*, eċċ., ġew imsemmija minn xhud tas-soċjeta` attriċi, il-Perit Philip Grech, jiġifieri, id-dimensjonijiet tas-sistema tal-kanali kellha relazzjoni mal-parametri tax-xita, tas-superfiċi kontributorja u it-*time of concentration* tal-*catchment.* Li jkun hemm xi *overflows* waqt intensita` kbira hija mistennija, anke waqt *force majeure.* Iżda mhux li l-ilma jikkawża għargħar għal siegħat sħaħ wara li jiskadi it-*time of concentration* u l-intensita` tax-xita tonqos.
>
> "Dan ifisser li għargħar mhux neċessarjament konsegwenza ta' *force majeure* tat-temp. Hawnhekk fejn il-Periti Pace u Caruana Galizia kellhom jikkjarifikaw eżattament dak il-parametru tal-*force majeure* li wassal għall-għargħar… Mhux mifhum kif (jew ma ġiex spjegat) fattwalment x'intensita` ta' xita fuq firxa ta' ħin speċifiku jikklassifika bħala *force majeure* jew le. Jekk ma ġewx definiti l-*benchmarks* tal-*force majeure*, kif jista' wieħed jatribwixxi l-għargħar għal *force majeure*?"

Iktar 'l isfel fl-istess rapport il-periti tekniċi jispeċifikaw il-kriterji xjentifiċi li fuqhom għandhom jiġu stabbiliti l-*benchmarks*:

[2] para 127 tar-rapport tal-periti oriġinali, a fol. 2446

"Biex wieħed jallaċċja il-*force majeure mal-għargħar*, l-analiżi għandha tkun ferm iktar profonda teknikament. Il-parametri segwenti iridu jiġu determinati:

*intensity/duration curves fuq firxa ta' snin*

*time of concentration* tal-*catchment areas* kemm ta' Wied is-Sewda u ta' Wied il-Kbir

il-qalba *(gradient)* tal-kanali u s-sezzjoni bl-ostakli kollha biex wieħed joħroġ il-kapaċita` tal-*flow*

*intensity/duration* tal-maltempati tal-15, 16 u 17 ta' Settembru biex wieħed jikkonstata ma' dak fid-*design criteria* li ħadmu fuqhom il-periti li kkalkulaw u fasslu l-kanali.

"Professjonalment, l-attribuzzjoni tal-*force majeure* tista' ssir biss wara li l-parametri jiġu ikkwantifikati u ikkalkolati. Imkien fir-rapport ma jidhru li ġew analizzati dawn il-parametri.

"Għaldaqstant, l-attribuzzjoni tal-*force majeure* attribwita fir-rapport tal-Periti Legali Pace u Caruana Galizia hija spekulattiva u bla ebda bażi xjentifika".

Il-periti addizzjonali josservaw ukoll li:

Huwa rilevanti li dawk ix-xogħlijiet kollha li wasslu għal sigurta` ta' flow tal-ilma mal-kanali wara l-għargħar tal-2003 wassal biex ix-xita ugwalment qalila fl-2010 ma twassalx għall-għargħar. L-interventi li saru huma veritjeri. Ħafna nuqqasijiet fil-kanali (kolonna hawn, xtur hemm, pont baxx, katusa kartabun, eċċ) la darba ġew rettifikati taw sigurta` ta' flow tal-ilma b'saħħitha."

Fi ftit kliem, il-periti perizjuri jikkritikaw ir-rapport tal-ewwel periti minħabba li: (1) ma stabbilixiex il-massimu tal-kapaċita` tal-kanali li jilqgħu l-ilma u għalhekk m'hemm l-ebda punt stabbilit imnejn il-forza tal-maltempata ma setgħetx tiġi milqugħa mill-konvenuti (2) maltempata b'forza simili fit-2010 m'għamlet l-ebda ħsara wara li saru x-xogħlijiet rimedjali mill-konvenuti.

Il-periti perizjuri ikkunsidraw li l-forza tal-maltempata kellha tkun dik imkejja mill-uffiċċju metereoloġiku ta' Ħal Luqa u mhux dik imkejjla f'postijiet oħrajn.

***Il-forza tal-maltempata***

L-atturi jistrieħu fuq il-konstatazzjonijiet tal-Perit Philip Grech, espert prodott minnhom *ex parte,* li fir-rapport tiegħu[3] jiċċita lill-Uffiċċju Metereoloġiku ta' Ħal Luqa li jindika xita ta' 75.5 mm fil-14 ta' Settembru 2003 u 54.3 mm fis-17 ta' Settembru 2003. Isostni li dan mhux *extreme weather event: "commonly road and roof drainage systems are built to cater for 75mm/hr events*". Grech iqis li l-intensita` tax-xita kellha frekwenza ta' darba kull sentejn.

Min-naħa l-oħra, il-konvenuti jiċċitaw il-kejl minn stazzjonijiet oħrajn f'lokalitajiet differenti madwar Malta.

Manuel Sapiano, idroloġista mal-Awtorita` ta' Malta Dwar ir-Riżorsi, xehed li filwaqt li l-konstatazzjonijiet tal-Perit Philip Grech kienu korretti, dawn kienu msejjsa fuq l-uffiċċju meteoroloġiku ta' Ħal Luqa, ibbażat fuq *water catchment* differenti minn dak ta' Ħal Qormi. Il-Water Services Corporation kellha seba' (7) rain gauges fil-*catchment* ta' Ħal Qormi li kien jinkorpora rħula oħra – parti mill-Imdina, parti mir-Rabat, Ħ'Attard, Mrieħel, Santa Venera, Ħamrun u Ħaż-Żebbuġ. Ix-xita żdiedet konsiderevolment; minn 75 mm min-naħa ta' Ħal Luqa għal madwar 198 mm f'Ta' Qali.[4]

Data tixxiebaħ ġiet miġbura minn kumpannija privata jisimha Meteo Malta, li kejjlet 184 mm f'Ħal Qormi.[5]

Sapiano xehed li b'użu ta' eżerċizzju statistiku *standard* għall-ġrajjiet idroloġiċi estremi, imsejjaħ *gumble distribution*, ix-xita mkejjla waqt l-istess maltempata f'Ta' Qali (198mm) ġiet ikklassifikata fir-reġjun bħala waħda bi frekwenza ta' ċirka darba kull disgħin sena.

Il-Perit Carmel Mifsud Borg[6] ukoll jaċċenna għal eżerċizzju ta' simulazzjoni magħmul abbażi tad-data miġbura mill-Water Services Corporation imnejn

[3] fol 1081
[4] depożizzjoni ta' Manuel Sapiano a fol 1642
[5] dok MS2 a fol 1668
[6] affidavit tal-1 ta' Ġunju 2011

jirriżulta li l-maltempata in kwistjoni kienet bi frekwenza ta' 'il fuq minn darba kull disgħin sena (b'differenza minn Manuel Sapiano li jgħid "ċirka" darba kull disgħin sena).[7]

Mifsud Borg jagħti wkoll *benchmark* għall-kanali tal-ilma bħala għal frekwenza ta' bejn 1:5 u 1:20 sena.[8]

Kif mistenni, l-atturi jikkritikaw bl-aħrax il-konstatazzjonijiet ta' Manuel Sapiano u Carmel Mifsud Borg; u saħansitra jattakkawhom bħala *hearsay evidence* għaliex ma ġiex prodott bħala xhud minn attwalment ħadem fuqhom; kuntrarjament għall-uffiċċjali tal-Uffiċċju Metereoloġiku ta' Ħal Luqa li huwa internazzjonalment rikonoxxut u li ilu stabbilit għal snin ħafna itwal minn dawk tal-Water Services Corporation u ta' Meteo Malta (ditta privata). Il-Qorti iżda ma jirriżultalhiex li għandha twarrab il-konstatazzjonijiet ta' dawn ix-xhieda. Ir-regola tal-*hearsay evidence* skont il-liġi ta' proċedura tagħna mhix waħda riġida bħal ma kienet fl-Ingilterra fit-tieni parti tas-seklu dsatax, u li minnha kienet imnebbħa. Ġja` lura fis-sena 1964 l-Imħallef Caruana Curran ikkummenta f'dan is-sens, u rrimarka wkoll li fl-Ingilterra r-riġidita` ta' din ir-regola esklussjonarja kienet qed tiġi kkritikata bl-aħrax.[9] Dan għaliex filwaqt li fl-Ingilterra l-liġi kienet minġura abbażi tal-biża' li l-ġurati (li aktarx ikunu *laymen*) jagħtu piż li ma jistħoqqlux lil din it-tip ta' prova, dan il-biża' ma kienx jeżisti f'Malta billi l-kawżi (almenu dawk ċivili) kienu – kif għadhom – jistemgħu minn imħallfin professjonali. Il-Qorti tosserva wkoll li r-regola tal-*hearsay*, allura kkunsidrata bħala regola kardinali tal-*law of evidence* Ingliża, issa tinstab ferm attenwata fl-Ingilterra nnifsha, li issa qorbot lejn il-pożizzjoni fl-ordinamenti ġuridiċi proċesswali kontinentali li ma jeskludux *a priori* l-*hearsay evidence*, imma jiħduha in kunsiderazzjoni meta jiddeċiedu x'piż probatorju jagħtuha. Apparti li din il-Qorti ma taqbilx mal-atturi li fil-fatt ir-rapporti kollha huma *hearsay*, fi kwalunkwe każ din il-Qorti fiċ-ċirkostanzi tqis li għandha teżerċita d-diskrezzjoni li tagħtiha l-liġi u ma teskludihomx. Dan speċjalment billi ma saret l-ebda oġġezzjoni għall-produzzjoni ta' din il-prova *a tempo vergine* u barra minn hekk ix-xhieda msemmija ma ġewx assoġġettati għall-kontro-eżami.

---

[7] fol 1644, 1668

[8] fol 1644, 1668

[9] Giuseppa Caruana v Andrea Caruana 27.10.1964 Vol XLVIII.ii.1228

*Traskuraġni antecedenti*

Minkejja d-diverġenzi kbar ta' bejniethom, il-Periti oriġinali u l-periti perizjuri jaqblu fuq fatt wieħed: kien hemm nuqqasijiet u traskuraġni da parti tal-konvenuti (jew uħud minnhom) fl-immaniġjar tas-sistema tal-i*storm water.*

Mill-provi akkwiżiti jirriżultaw diversi fatturi li kkontribwew għan-nuqqasijiet fis-sistema tal-immaniġġjar tal-mogħdija tal-ilma:

**(a) Snin twal ta' traskuraġni f'nuqqas ta' tindif u manutenzjoni tal-kanal** li suppost jieħu l-ilmijiet minn Hal Qormi lejn il-Marsa. Fil-kanal inġemgħu tul għadd ta' snin knatan tal-ġebel, ħaxix goff u zkuk ta' siġar mejta tant li l-istess kanal beda bil-mod-il mod jintradam bl-imbarazz.[10] Ir-residenti ta' Ħal Qormi kienu qegħdin jitolbu, għalxejn, lill-Gvern biex iwessa' l-kanal u jitħammlu l-widien. Il-Kunsill ta' Ħal Qormi kien jirċievi lmenti mir-residenti u sidien ta' ħwienet f'żoni kummerċjali dwar periklu ta' għargħar fl-inħawi ta' Wied is-Sewda. Għall-ħabta tal-1998 inbdiet l-ewwel fażi tal-proġett ta' twessiegħ tal-kanal imsemmi pero` x-xogħol sar nofs leħja tant li waqaf fis-sena 1999 ħdejn il-Birrerija Lowenbrau.[11] Kien biss wara l-maltempati li beda xi xogħol u anke dan dam ikarkar snin, bix-xogħol isir bil-mod u bis-sulluzzu.[12] L-Eċċellenza Tagħha Marie Louise Coleiro Preca, għamlet pressjoni u esibiet korrispondenza mal-awtoritajiet biex jitnaddfu l-widien u kien biss wara l-maltempati in kwistjoni li beda dan ix-xogħol.[13] L-abbandun kompla saħansitra anke wara l-maltempata tat-2003.[14] Is-sindku tal-Marsa, Francis Debono, ukoll ikkonferma n-nuqqas ta' manutenzjoni tal-kanal fil-Marsa li jirċievi l-ilma minn Wied is-Sewda u Wied il-Kbir f'Ħal Qormi.[15] Dan jirriżulta minkejja l-affidavit ta' Raymond Bugeja, Assistant Direttur mad-Dipartiment għas-Servizzi tat-Tindif, fi Ħdan it-Taqsima tas-Servizzi, li sar tindif f'Wied is-Sewda għal Wied il-Kbir bejn Gunju u Settembru 2003.[16]

(b) Il-kwantita` ta' ilma li kien jinġabar fil-widien **żdied matul snin ta' żvilupp** mat-tul kollu tagħhom u għalhekk il-widien ma setgħux ilaħħqu iktar mal-ilma.[17]

---

[10] xhieda ta' Adelaide Cascun li toqgħod ftit bibien 'il bogħod mill-ispiżerija tal-atturi, fol 45 u ta' Mario Cascun, ir-raġel ta' Adelaide Cascun fol 47

[11] xhieda ta' Roderick Galdes, Sindku tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi bejn Marzu 2001 u Gunju 2004.

[12] Mario Cascun fol 47; l-istess jikkonferma Francis Debono, dak iż-żmien Sindku tal-Kunsill Lokali tal-Marsa, fol 58

[13] L-Eċċellenza Tagħha kienet President ta' Malta meta xehdet. Trabbiet Ħal Qormi.

[14] Affidavit ta' Mario Cascun fol 48.

[15] Fol 58 (it-tieni faċċata)

[16] 743

[17] Xhieda tas-Sindku tal-Kunsill Lokali tal-Marsa fol 58, li qal li kien ilu żmien jagħmel pressjoni fuq il-Gvern biex iwessa u jnaddaf il-widien. Ara wkoll rapport tal-Perit Philip Grech li josserva li parti kbira mill-widien "is highly urbanised".

Carmelo Buhagiar, residenti f'Ħal Qormi, kien wieħed mill-ħaddiema li għamlu xogħlijiet biex itaffu l-għargħar xi snin qabel il-maltempata tat-2003.

(ċ) Sar **xogħol infrastrutturali li kompla aggrava l-problema tal-għargħar**. Qabel il-maltempata, r-residenti tat-Triq de la Cruz, Ħal Qormi kienu ppreżentaw protest ġudizzjarju kontra l-Ministru responsabbli mix-xogħolijiet pubbliċi u s-sidien tal-birrerija Lowenbrau dwar il-periklu tal-għargħar minħabba l-bini tal-birrerija, qabel din inbniet, kif ukoll il-kostruzzjoni tat-*traffic junction* magħrufa bħala *Tal-Erba Qaddisin.* "Il-birrerija nbniet fuq sit li hu xi żewġ metri u nofs iktar baxx mis-sit tal-Ispiżerija tal-atturi. Il-bini tal-birrerija sar xorta waħda. Il-kostruzzjoni tat-traffic junction u r-*roundabout* faċċata tal-birrerija saru f'livell iktar għoli milli kienu oriġinarjament, bil-konsegwenza li rvinaw il-gradient naturali u Vjal de la Cruz spiċċat magħluq bħal ġewwa ħondoq. Qabel ma seħħ dan l-iżvilupp, il-livell tal-ilma tax-xita kien jogħla l-iktar sa wiċċ ir-*roundabout* l-antika għoli ta' xi żewġ piedi u mbagħad minnufih jaqleb aktar 'l isfel lejn il-korsa tal-Marsa. Wara l-iżvilupp, l-ilmijiet tax-xita ma setgħux ifendu li jaqilbu biżżejjed lejn il-Marsa u minflok beda jkun ostakolat l-inżul naturali u jaqleb lura lejn Ħal Qormi fit-toroq tal-inħawi bħal Triq Spiteri Fermond, Triq l-Arkata u Triq is-Sienja u Main Street fil-parti t'isfel ħdejn Mike Service Station."[18] It-Tabib Carmelo Brincat, residenti fl-inħawi u li għamel żmien Viċi Sindku tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Qorti, kompla jinsisti għal xogħlijiet rimedjali fir-roundabout anke wara l-maltempata tat-2003.[19]

It-Tabib Carmelo Brincat, waqt li nbeda x-xogħol fuq ir-*roundabout* f'tarf Triq Manwel Dimech, ġibed l-attenzjoni tal-Perit Sultana, inkarikat mill-istess xogħlijiet, li l-wiċċ tat-triq madwar ir-*roundabout* kien ġej ixaqleb fuq id-djar u l-inħawi magħruf bħala *Tal-Erba Qaddisin* u li din kienet sejra tkompli taggrava s-sitwazzjoni tad-djar fi Vjal de la Cruz għaliex l-ilma, minflok ixaqleb lejn il-Marsa kien sejjer ixaqleb lejn dawk l-inħawi ta' Ħal Qormi, fejn tinstab l-ispiżerija tal-atturi.[20]

Dak li bassar it-Tabib Carmelo Brincat fil-fatt seħħ waqt il-maltempata tat-2003. Mario Cascun, resident fl-inħawi, xehed li l-ilmijiet ma setgħux ixaqilbu lejn il-Marsa minħabba "sadd kbir tant li jien rajt kurrenti ġejjin b'lura kontra l-qlib

[18] Affidavit tat-Tabib Dottor Carmelo Brincat, para. 4, fol 39
[19] ibid. para. 6, fol 40
[20] ibid. para. 5, fol 39 (it-tieni faċċata)

naturali."[21] Adelaide Cascun, mart Mario Cascun, ukoll ikkonfermat li qabel il-maltempata tat-2003, l-ilma kien ibatti wara ftit ħin.[22]

**Ġiet kostruwita mina taħt l-art** li tgħaqqad u tagħmel konnessjoni bejn il-kanal biswit l-ispiżerija u l–*bypass* tal-Imrieħel kif ukoll mal-mini ta' Santa Venera u l-flyovers li jagħmlu magħha. Jiżbokka taħt il-pont (*bridge)* "*where the confluence of the Wied is-Sewda valley system with Wied il-Kbir and the flood site of the Drug Store is situated*". Dan iġorr ilma mill-Industrial Estate tal-Imrieħel, u mill-belt ta' Santa Venera li tinkludi tlett iskejjel kbar. Sistema li tkabbar il-*flow* tal-ilma u ma tippermettix l-ilma tax-xita jinxtorob mill-art.

> *"There can be no reasonable doubt that this discharge* ***should have been directed to a point further downstream*** *where the receiving valley or watercourse could have safely taken the augmented peak flow, without any our of bank overflows. This could have been done if the flow was directed to the coast e.g. Xat il-Qwabar, Marsa. The tunnel channelling this flow to the valley at Qormi followed the shortest route, and its discharge is aimed directly at the site in question, and has significantly worsened the flood liability of the Drug Store site*".[23]

Skont Art. 403(3) tal-Kodiċi Ċivili, is-sid tal-fond iktar fil-għoli ma jistax jagħmel ebda ħaġa li tagħmel iżjed gravuża s-servitu` tal-fond iktar fil-baxx" (li jilqa' l-ilmijiet). Il-Gvern, fiż-żamma tal-proprjeta` pubblika, huwa responsabbli bħal kull persuna privata. Għalhekk, fil-każ mertu ta' din il-kawża, bl-egħmil tiegħu il-Gvern mhux biss huwa responsabbli għal att delittwuż għaliex kien negliġenti, imma wkoll huwa responsabbli bħala sid ta' fond superjuri li kiser l-obbligi tiegħu versu sid ta' fond li jinstab f'livell inferjuri.[24]

(d) Il-kanal ma kienx adegwat għall-funzjoni maħsuba għalih minħabba **diversi nuqqasijiet strutturali u ta' disinn** fosthom: "*the skew arch bridge, causing a backwater to build up behind it, slowing the velocity and thus hindering land drainage. The worst restriction is that however under Triq Aldo Moro, where apart from a 90 degree bend, the flow is constricted to pass through a series of columns which support the overlying trunk road. This is a trap for all sorts of*

[21] affidavit Mario Cascun fol 44 (it-tieni faċċata).
[22] Affidavit ta' Adelaide Cascun fol 45
[23] Rapport ulterjuri tal-Perit Philip Grech fol 425 et seq. Għall-istess konklużjoni jasal il-Professur Carmel Pule`a fol 261 et seq.
[24] A Galea v A Frendo Vol. XLI.ii.988; F. Camilleri v L. Gatt Vol XVIII.ii.171

*materials, and slows down the flow considerably. At the small and shallow mought of the discharge of these valley systems at Marsa Creek, the flow is combined with the marine debris which includes sunken wrecks. Thus the appreciably high land drainage flows is highly and effectively restricted at this point, regardless of upstream movements.*"[25] Hemm għadd kbir ta' restrizzjonijiet għall-*flow* tal-ilma li wassal biex waqt il-maltempata kien hemm *flow* bejn 25 u 27 metru kubu kull sekonda.[26] Fil-fehma ta' ħaddiem li għamel xi xogħlijiet fuq is-sistema tal-korsa tal-ilma, kif ukoll dik tal-uffiċjali tad-dipartiment tax-xogħlijiet pubbliċi, "il-problema ċentrali ma kinitx il-proġett tat-twessiegħ tal-kanal taħt Triq Manwel Dimech f'Ħal Qormi iżda l-bqija tal-korsa tal-ilma tax-xita li mill-birrerija Lowenbrau jaqleb lejn il-Marsa. Proġett li ma sarx minħabba nuqqas ta' finanzi, u li sar biss wara l-maltempata tat-2003.[27]

**It-tkaxkir tas-saqajn seħħ saħansitra anke wara l-maltempata tat-2003.** Il-kanal biswit il-Lowenbrau twessa' u tħammel xi sena wara l-maltempata.[28] Hekk ukoll ix-xogħol l-ieħor rimedjali.[29] Għalkemm kompla wara l-maltempata, ix-xogħol kien għadu lura saħansitra tlett snin wara l-maltempata. Hekk per eżempju l-kanal tal-ilma tax-xita taħt Triq Aldo Moro fil-Marsa u bejn Triq Aldo Moro sal-menqa tal-Marsa **kien għadu wiesa għaxar piedi bħalma kien sekli ilu** qabel ma kien jeżisti l-iżvilupp edilizzju estensiv li hemm fl-inħawi. Dan il-kanal jieħu l-ilmijiet kemm ta' Wied is-Sewda kif ukoll ta' Wied il-Kbir f'Ħal Qormi.[30]

**Dan ma jfissirx li ma saru l-ebda xogħlijiet rimedjali**. Il-Perit Ray Farrugia, Direttur Generali tat-Taqsima tax-Xogħlijiet, prodott mill-atturi, xehed li t-taqsima tiegħu kienet konxja mill-problema tal-għargħar fil-parti t'isfel ta' Ħal Qormi. Ir-responsabilita` iżda ġiet trasferita skont il-liġi għand il-Water Services Corporation. Ammetta li "fl-amministrazzjoni kien hemm vacuum ta' responsabilita` fuq dan li Storm Water Management". Mil-lat ta' manutenzjoni qatt ma kien ċar ta' min hi r-responsabilita`. Skontu minn Awwissu 1997 din kienet ir-responsabilita` tal-Water Services Corporation. Ix-xhud ta' lista ta'

[25] Rapport tal-Perit Philip Grech, konsulent fuq l-Idroloġija u Inġinerija Idrawlika ikkummissjonat mill-atturi, immarkat bħala Dok PG anness mal-avvidavit tiegħu.
[26] Professur Carmel Pule fol 261
[27] Affidavit ta' Carmelo Buhagiar, para. 3 fol 41 (it-tieni faċċata)
[28] Affidavit tal-ispiżjara Anne Fenech fol 75
[29] Affidavit tal-ispiżjara Anne Fenech fol 77

[30] Affidavit tat-Tabib Dottor Carmelo Brincat, para. 6, fol 39 (it-tieni faċċata)

xogħlijiet li saru mit-taqsima tiegħu kemm qabel, kif ukoll wara l-maltempata li tat lok għall-għargħar:

1989 beda xogħol ta' twessiegħ tal-pont bejn Triq Aldo Moro u nfetħu kanali tal-ilma tax-xita mal-korsa taż-żwiemel fil-Marsa.

1990-1995: diversi xogħlijiet speċjalment f'Wied is-Sewda.

1994: twessiegħ tal-kanal biswit il-fabbrika tal-Lowenbrau li reġgħet twesset fil-2003.

1996-1998: iktar xogħlijiet f'Wied is-Sewda.

1998: twessiegħ tal-pont ta' fejn il-Lowenbrau u xogħol fil-Menqa tal-Marsa

2003 (wara l-maltempata): reġa' twessa' l-watercourse ta' fejn il-Lowenbrau li kien twessa diġa` fin-1994

2003-2005: Bridges b'ħafna supports inbidlu għal single span

qabel seħħ l-għargħar għolliet ir-*roundabout* ta' ħdejn il-Lowenbrau u wessa' l-passaġġ ta' taħt it-triq.

Il-Perit John Valentino, perit anzjan mad-Dipartiment tal-Bini u Inġinerija fi ħda it-Taqsima tax-Xogħlijiet, xehed li meta l-*bridge* ta' Triq Manwel Dimech, Ħal Qormi, twaqqa' u nbena mill-ġdid fit-2007, "l-ammont tal-ilma li jgħaddi taħt il-pont il-ġdid" żdied konsiderevolment.

(e) B'danakollu, d-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi **ftit li xejn wettaq minn dak li rrakkomandawlu l-esperti permezz ta' li *Storm Water Management Plan***. Għamel biss xi xogħlijiet żgħar u waqaf. Il-Perit Philip Grech, konsulent fuq l-Idroloġija u Inġinjerija Idrawlika, u li ġie mqabbad bħala espert imqabbad *ex parte* mill-atturi, kuntrarjament għall-ewwel periti ġudizzjarji - ikkonkluda r-rapport dettaljat tiegħu billi osserva li għalkemm ix-xita li niżlet fil-15 u 17 ta' Settembru 2003 kienet tqila, "their flooding effect **would have been greatly reduced** had Government enforced the planning laws in the development of the catchment and also executed the various flood mitigation projects proposed to it in previous years." – b'riferenza għal-liġi li tipprovdi li kull dar għandu jkollha bir.[31]

[31] Art. 97(1)n(viii) tal-Kap 10 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Professur Pule`, wara li elenka għadd ta' nuqqasijiet da parti tal-awtoritajiet kompetenti, jikkummenta li "*Without neglect, and paying attention to knowledge of dynamic constrictions and obstructions in the water channel an intelligent designer with a good maintenance crew* ***would have easily succeeded in more than quadrupling the discharge rate*** *of the Qormi/Marsa channel*".[32] Il-Professur ikkonkluda li :

> *The flooding of 15-17 September 2003 took place because good proposals were not heeded and bad proposals were accepted by the authorities.*
>
> *1. In the past authorities did not employ competent people to commission the channel.*
>
> *2. The authorities did not listen to proposals made.*
>
> *3. The channel was not maintained to meet the new demands.*
>
> *4. Knowing the vulnerability of the low lying Qormi area, the authorities did not apply stringent laws to keep the channel spotlessly and srupolously clean.*
>
> *5. Kept giving permission to developers to reduce the absorbing, buffering grounds and open zones, which slowed down the runoff water, permitting the old channel to cope with the discharge.*[33]

**(f) Ġew injorati protesti kontinwi li kienu jsiru tul is-snin mir-residenti u r-rappreżentanti tagħhom,** fosthom: (1) petizzjoni mir-residenti ta' Triq Spiteri Fremond[34] (2) konferenza stampa xahar qabel il-maltempata tat-2003 li fiha Marie Louise Coleiro, allura membru tal-parlament , flimkien ma' xi kunsilliera tal-Kunsill ta' Ħal Qormi, ipprotestaw minħabba n-nuqqas ta' manutenzjoni fil-widien f'Ħal Qormi u d-defiċjenzi strutturali fil-ġnub u fil-mini tal-kanal tal-ilmijiet li suppost jaqilbu lejn il-Marsa; u l-inadegwadenza tal-kanali minħabba l-iżvilupp li kien sar. Coleiro ressqet ukoll Private Member's Bill fil-Parlament dwar is-sitwazzjoni prekarja tal-immaniġjar tal-ilma. Sa tlett snin wara l-istess xhud qalet li l-gvern wettaq biss parti żgħira mill-proġett ta' mmaniġjar tal-ilma.[35] Dwar in-nuqqas ta' manutenzjoni, saru wkoll protesti persistenti mir-residenti u l-Kunsill tal-Marsa, li wkoll ma ngħataw l-ebda widen.[36] Sa minn snin qabel

---

[32] fol 631
[33] fol 632
[34] Affidavit Adelaide Cascun fol45 (it-tieni faċċata)
[35] fol 52 (it-tieni faċċata).
[36] Affidavit ta' Francis Debono, Sindku tal-Kunsill Lokali Marsa fol 58 (it-tieni faċċata).

(1999) kienu saru protesti mill-membru parlamentari Rodrick Galdes u s-Segetarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi John Farrugia.[37]

***Prinċipji legali dwar l-obbligi tal-Istat li jħares liċ-ċittadin***

Fiċ-ċitazzjoni, l-atturi jaddossaw ir-responsabilita` tal-ħsarat ikkawżati bl-għarar fuq il-konvenuti minħabba negliġenza meta ma pprovdewx mezzi adegwati għall-iskular tal-ilma. Responsabilita` li jallegaw li hija mgħobbija fuq il-konvenuti, jew min minnhom, mil-liġi. Kuntrarjament għal żminijiet passati, illum huwa aċċettat li l-amministrazzjoni pubblika hija responsabbli taħt il-liġi ordinarja u għalhekk soġġetta ghall-principji ġenerali tal-Kodiċi Ċivili jew ta' liġijiet oħra dwar responsabilita` kontrattwali u kważi delittwuża fil-konfront taċ-ċittadin privat, u li bihom tinħoloq relazzjoni ġuridika. Ir-responsablita` amministrattiva f'Malta, għalkemm tifforma parti mid-dritt pubbliku, hija wkoll regolata minn dawk il-provvedimenti fid-dritt privat u ċioe` fid-dritt ordinarju li huma applikabbli għaċ-ċittadin privat sakemm il-liġi ma teżentax speċifikatament lill-amministrazzjoni pubblika minn tali responsabilita.[38]

Tabilħaqq, il ħarsien tas-saħħa[39], sigurta` u tal-ġid taċ-ċittadini kienu fost l-ewwel dmirijiet rikonoxxuti li għandu l-Istat; maż-żminijiet żdiedu bosta oħrajn. Dan l-indukrar huwa l-bażi tal-prinċipju ta' governanza tajba. Huwa mistenni wkoll li fl-għoti tas-servizzi tiegħu, l-Istat jużа' l-ogħla livelli ta' kompetenza u ta' diliġenza, anke sabiex iservi ta' mudell għas-settur privat. Servizzi li huwa marbut jagħmel permezz ta' għadd ta' liġijiet. Fl-eżerċizzju tad-dmirjiet tiegħu, l-Istat, bħal kull suġġett ieħor tad-Dritt, huwa marbut li jaġixxi bid-diliġenza tal-*bonuspaterfamilias* kif enunċjat f'diversi disposizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili[40]. Il-livell ta' *bonuspaterfamilias* ivarja skont is-suġġett li jesegwih; l-Istat mistenni li jkollu l-livelli ta' diliġenza mistennija minn burokrazija atrezzata b'riżorsi finanzjarji u umani sostanzjali, inkluż l-għajnuna tal-esperti fid-diversi oqsma tal-operat tiegħu. L-Illustrissimu Mħallef Philip Sciberras bl-istil elokwenti tiegħu irrefera għaliha bħala "regola din ta' korrettezza, bon sens u ta' żvolġiment għaqli f'kull parti tal-operat, kemm jekk si tratta minn esekuzzjoni ta' xogħolijiet, manutenzjoni ta' opri pubbliċi, viġilanza u kontroll."[41]

---

[37] Affidavit tal-ispiżjara Anne Fenech a fol 79

[38] Elmo Insurance Services Limited v PC 537 Joseph Micallef et. 05.10.2001 Qorti tal-Appell coram J Said Pullicino, President; Carmel A. Agius, Joseph D. Camilleri

[39] salus populi suprema lex

[40] Ara per eżempju Art. 1029, 1030, 1031, 1037, 1045(1) u (2), 1047(1), 1041 u 1043

[41] Hugh P. Zammit v Direttur tat-Toroq 23.01.2004 Qorti tal-Appell *coram* Onor. Imħallef Philip Sciberras

***Prinċipji legali dwar il-forza maġġuri***

B'mod grafiku u ferm inċisiv, **l-Qorti ta' Kassazzjoni Taljana** ddefeniet il-każ fortuwitu bħala:

> "*un fenomeno che, scatenando in modo improvviso ed impetuoso le forze distruttive della natura, assuma proporzioni cosi` immani e sconvolgenti da travolgere ogni baluardo posto a salvaguardia di uomini e cose.*"[42]

It-trattista klassiku magħruf **Giorgio Giorgi,** huwa u jikteb tard fis-seklu dsatax, jelenka erba' kundizzjonijiet li jridu jikkonkorru sabiex tirnexxi d-difiża tal-każ fortuwitu:

> *a) che si e` verificato un avvenimento indipendente dal fatto del debitore*
>
> *b) che questo avvenimento e` riuscito per il debitore imprevedibile ed inevitabile*
>
> *c) che ha ridotto il debitore nella impossibilita` di adempiere, o almeno di adempiere esattamente l'obbligazione*
>
> *d) che le conseguenze del fortuito, le quali riescono dannose per il creditore, **non sono state accresciute dal fatto positivo o negativo del debitore**.*[43]

Dwar il-kundizzjoni (d) l-istess ġuriskonsult jelabora li:

> *"**Ove,** o nelle cause, o negli effetti dell'evento**, concorra diretta o indiretta la volonta` del debitore, non e` piu` luogo a parlare di caso, bensi` di dolo o di colpa.** Ma non vogliamo pero` trasandar di avvertire, come ogniqualvolta **questo concorso sia tanto indiretto da non togliere a primo aspetto dall'avvenimento e dal danno,** che ne e` derivato, il carattare di casuale, i pratici continuano a parlare di caso".*[44]

L-istess fehma hi espressa fl-opra riċentissima (ippubblikata tlett snin ilu) ta' **Paolo Cendon** dwar ir-responsabilita` ċivili:

---

[42] Cass., sez. III, 14.10.2005, n. 19974

[43] Giorgio Giorgi, Teoria delle Obbligazioni nel Diritto Moderno Italiano (1885), Vol II, page 17

[44] Giorgio Giorgi, Teoria delle Obbligazioni nel Diritto Moderno Italiano (1885), Vol II, page 11

*"**Il caso fortuito sarebbe comunque subordinato all'assenza di colpa**, risultando del tutto inutile dimostrare l'interruzione del nesso causale per un fatto imprevedibile e terzo, se, in ogni caso, non si e` usata l'ordinaria diligenza…"*[45]

*"Secondo tali interpretazioni, quindi, **il caso fortuito**, come la forza maggiore o il fatto del terzo, non possono costituire ragione di esenzione dalla responsabilita` per colpa se non sono state **le uniche cause** che abbiano determinato il danno. **Laddove, infatti, l'esercente l'attivita` pericolosa non abbia tenuto un comportamento diligente, non puo` invocare l'esimente del caso fortuito o della forza maggiore**, salvo che il proprio comportamento sia stato oggettivamente ininfluente rispetto al verificarsi del danno. Deve, cioe`, sussistere un nesso di causalita` tra il fatto e l'evento e tale nesso puo` essere interrotto dal caso fortuito o dalla forza maggiore **solo a condizione che l'agente dimostri di essere esente da colpa**."*[46]

Tal-istess orjentament hija l-ġurisprudenza Maltija.[47]

Il-Giorgi jgħallem ukoll illi **l-piż tal-prova** tal-każ fortuwitu jaqa' fuq spallejn id-debitur li jallegah:

"*Il debitore inadempiente, o male adempiente, che per liberarsi allega il fortuito, e` in obbligo di provarlo. Allegans casum fortuitum illum probare tenetur…"*[48]

***Applikazzjoni tal-prinċipji legali suesposti għall-fatti ta' din il-kawża.***

<u>Prevedibilita` u inevitabilita`</u>

M'hemmx dubbju li l-ħsara fil-proprjeta` tal-atturi seħħet waqt maltempata li kienet waħda ħafna iktar qawwija mis-soltu. B'danakollu, kif inhu magħruf, mhux kull avveniment insolitu huwa forza maġġuri. Fil-każ ta' fenomeni tan-

[45] Responsabilita` Civile, Vol I, Principi generali e situazioni protette, diretto da Paolo Cendon, 2017, Vol I, page 259
[46] Responsabilita` Civile, Vol I, Principi generali e situazioni protette, diretto da Paolo Cendon, 2017, Vol I, page 262
[47] P.L. Costantino Fenech v Camillo Gatt 17.05.1902 Prim'Awla; Amadeo F. Inglott v Sacerdote Giuseppe Camilleri 22.01.1932; Caterina Bezzina v Giorgio Grech 07.06.1938 Prim'Awla; Robert Borg v Peter Camilleri 30.01.1941; Carmelo Micallef v Brigadier John Belle Mc. Cance 07.02.1953; George Bonnici v Nicholas Ellul 02.02.2005 Prim'Awla; Elmo Insurance Services Limited v PC 537 Joseph Micallef et. 05.10.2001 Qorti tal-Appell (Superjuri).
[48] Giorgio Giorgi, Teoria delle Obbligazioni nel Diritto Moderno Italiano (1885), Vol II, page 11

natura, dawn iridu tant qawwija li l-bniedem ma jistax, bid-diliġenza ordinarja u bil-mezzi disponibbli, jirreżistihom. Il-piż tal-prova tal-**imprevedibilita`** u tal-**inevitabilita`** taqa' fuq spallejn il-konvenuti li jallegawha.

Għalkemm il-maltempata kienet manifestazzjoni straordinarja tal-forzi tan-natura, xorta waħda kellu jkun prevedibbli għall-konvenuti li kwalunkwe maltempata qawwija iktar mis-soltu – anke jekk mhux neċessarjament tal-istess forza tal-maltempata in kwistjoni – setgħet tikkawża diżastru. Il-Perit Philip Grech svela li d-*data* pprovduta minn Bundic, Marsa Valley Stormwater System, (Settembru 1998) tindika "*that **in the situation seen in 1998, the channel was already assessed as inadequate to pass a moderate storm after dry conditions.*** *This was not news, but was the first and only analytical attempt to quantify the issue. The events of the 2003 storm demonstrate this inadequacy only too clearly*". Iżid li **Bundig** kien irrakkomanda l-bini ta' żewġ ġibjuni fl-inħawi.[49] Lura fin-1998, is-sistema kienet iċċertifikata mill-esperti ngaġġati mill-awtoritajiet bħala li kienet, kif jgħid il-Malti, **ruħ ommha fi snienha,** u li saħansitra lanqas kienet tajba biex tilqa' għal tempesta ta' proporzjonijiet medji. Kellu allura, *multo magis*, ikun prevedibbli għall-awtoritajiet, ħmistax-il sena wara, meta s-sitwazzjoni ggravat astronomikament minħabba l-fatturi msemmija iktar 'il fuq, bl-evidenza ta' għarar kull meta tagħmel ftit tax-xita (anke jekk fi proporzjonijiet mhux daqshekk gravi daqs dawk tal-maltempata tat-2003), u bit-twissijiet da parti tal-komunita` ta' Ħal Qormi, li bħal kull poplu indiġenu jkollu konoxxenza intima tat-territorju nativ tiegħu li l-esperti li jiksbu l-għarfien tiegħu permezz ta' metodi xjentifiċi, li fl-inħawi ta' Ħal Qormi fejn tinstab il-proprjeta` tal-atturi kien hemm, kif jgħidu l-Ingliżi, ***a disaster waiting to happen***.

Negliġenza anteċedenti

M'hemm l-ebda dubbju li qabel il-maltempata tat-2003 kien hemm **negliġenza anteċedenti grossolana** ta' ċerta portata mill-awtoritajiet ikkonċernati, kemm ta' natura infrastrutturali kif ukoll ta' manutenzjoni tas-sistema li tassigura l-*flow* tal-ilma. Fatt li, kif diġa` ngħad, jaqblu fuqu l-esperti kollha; ikkonstatat mill-periti *ex parte* tal-atturi, mill-ewwel periti, kif ukoll mill-periti addizzjonali. Ġaladarba kien hemm din in-negliġenza, taqa' kull difiża ta' forza maġġuri, sakemm l-awtoritajiet ikkonċernati – għax anke hawn il-piż tal-prova jaqa' fuqhom – **ma jippruvawx li bin-negliġenza tagħhom jew mingħajrha, is-sinistru kien iseħħ xorta waħda**. Ħaġa li naqsu li jippruvaw. Saret riferenza għall-kawża

[49] Fol 1083

**Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud v Polidano Brothers Limited,**[50] li tirreferi għal ħsara li ġrat meta gaffa nġarret bl-ilma fl-istess maltempata mertu ta' din il-kawża, żammet l-ilma li daħal fl-uffiċini tal-attur u għamel il-ħsara. Il-Qorti sabet li kien hemm forza maġġuri. B'danakollu, f'dik il-kawża, b'differenza minn din il-kawża, ma kienx hemm negliġenza antecedenti.

Salv dak li għadu kif ingħad, in-negliġenza twaqqa' dejjem id-difiża tal-forza maġġuri. Dan indipendentement minn jekk il-maltempata kinitx prevedibbli jew le. Id-difiża tal-forza maġġuri tistrieħ fuq forza li l-bniedem ma jistax jilqa' għaliha bil-ħila tiegħu; jekk kien negliġenti ifisser bilfors li ma jkunx għamel ħiltu kollha biex jilqa' għaliha.

### *Benchmarks*

Kif diġa` ngħad iktar 'il fuq, il-periti perizjuri jikkritikaw lill-ewwel periti li ma stabbilixxewx il-benchmarks tal-kapaċita` li suppost kellhom il-kanali; u għalhekk isostnu li, ġaladarba ma ġietx stabbilita l-kapaċita` massima ta' xita li setgħu jilqgħu għaliha, lanqas ma jista' jiġi stabbilit għal liema volum ta' xita ma setgħux jilqgħu, u allura li kienet forza maġġuri. Il-Qorti taqbel ma' dan ir-raġunament.

### *Kontributorjeta` tal-atturi*

L-ispiżjara Anna Fenech xehdet li l-ispiżerija ilha bdiet topera fit-2001; il-post ta' fuq minn 1997.[51] Esibiet kuntratt tal-akkwist minn P.O.G. LTD tas-sena 2000; u kuntratt ta' lokazzjoni tal-20 ta' Diċembru 1999.[52]

Il-periti perizjuri, l-istess bħall-periti originali, addossaw responsabilita` kontributorja fuq l-atturi. Il-periti perizjuri tekniċi kkonkludew:

> "… is-sit fejn qiegħed l-istabbiliment tal-attriċi POG, jifforma ukoll parti mill-inħawi rilevanti. Ladarba huwa hekk, għaliex inbena daqshekk fil-baxx? Fix-xhieda ħareġ ċar li storikament dik iż-żona tbagħti mill-għargħar. Is-soċjeta` attriċi ma tat l-ebda spjegazzjoni valida għaliex il-

[50] Qorti tal-Appell Superjuri 25.02.2011
[51] xhieda in kontro-eżami a fol 1949
[52] fol 1953, 1969

> binja saret daqhekk ‘l isfel. Il-mod kif inbniet, jiġifieri bil-pjan terren ta’ ftit tarġiet ‘il fuq mit-triq, ma jagħti l-ebda konfort. Hawnhekk is-soċjeta` attriċi trid terfa’ responsabilita wkoll. Wieħed għandu x’jifhem ukoll li kieku l-binja saret 4 filati iktar ‘il fuq milli nbniet, ukoll kien ikun hemm għargħar ġol-binja – iżda b’ħafna inqas ħsara.”

Il-Perit Perizjur legali rrelata hekk:

> “Ħaġa li jaqblu dwarha l-periti tekniċi kemm dawk oriġinali u kemm dawk perizjuri, huwa l-element kontributorju qawwi għall-akkadut mertu tal-kawża dovut għall-fatt li l-fond minfejn tiġi operata l-ispiżerija in kwistjoni meta nbniet ma ttieħed l-ebda kont tal-post fejn inbniet u wisq inqas ittieħdu prekawzjonijiet minimi bħal per eżempju li wieħed jgħolli l-livell tal-bini sabiex wieħed jippreveni dak li kien manifestament u lampament prevedibbli. Dan fil-fehma tal-esponent għandu jġorr responsabilita` ta’ ħamsin fil-mija (50%).”

Huwa minnu li l-atturi m’għamlu l-ebda *risk assessment* anke jekk kien fatt notorju li l-inħawi kienu suxxettibbli għall-għargħar, u hemm il-prinċipju ta’ *volenti non fit iniuria.* B’danakollu, din il-Qorti ma tistax taqbel li l-atturi għandhom jaddossaw nofs ir-responsabilita`. Dan għaliex l-awtoritajiet ikkonċernati komplew aggravaw il-periklu tal-għargħar wara li l-atturi akkwistaw il-proprjeta` u bdew joperaw in-negozju tagħhom. Ikun għalhekk ġust li l-atturi jġorru biss ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) tar-responsabilita`.

Il-fattispeċje ta’ dan il-każ huma differenti minn dawk tal-kawża fl-ismijiet **Carmelo Micallef v Direttur tax-Xogħlijiet,**[53] iċċitata mill-atturi f’waħda min-noti ta’ sottomissjonijiet tagħhom, għaliex f’dak il-każ, li kien jikkonsisti fl-għargħar ta’ razzett tal-attur, l-għargħar kien <u>unikament</u> attribwibbli għal xogħlijiet li saru mill-konvenut bil-kostruzzjoni ta’ Triq Diċembru 13 fil-Marsa.

***Leġittimi kontraditturi***

Il-Ministru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura u l-Ministru għall-Iżvilupp Urban u Toroq mhumiex legittimi kontradditturi billi l-Gvern hu rappreżentat, skont Art.

---

[53] Qorti tal-Appell (Superjuri) 28.02.2001

181B(1) tal-Kap 12, mill-kap tad-dipartiment tal-Gvern li jkun inkarikat mill-materja in kwistjoni.

Huma responsabbli d-Diretturi taż-żewġ Ministeri. Fil-fatt dawn ma qajjmux eċċezzjoni li mhumiex leġittimi kontradditturi, anke jekk ippruvaw jaddossaw ir-responsabilita` fuq il-Korporazzjoni tal-Ilma. B'danakollu ma talbux li din tiġi msejjħa fil-kawża. L-applikazzjoni mal-Awtorita` tal-Ippjanar għal xogħol fuq is-sistema tal-i*storm water* saret mid-Direttur Generali tax-Xogħlijiet; ix-xogħlijiet saru mill-istess Taqsima tax-Xogħlijiet.[54] Dawn id-diretturi jaddossaw ir-responsabilita` fuq il-Water Services Corporation. B'danakollu, ma talbux li tissejjaħ fil-kawża u għalhekk din id-difiża mhix sostenibbli[55]. Dan apparti li, m'għamlux eċċezzjoni formali f'dan is-sens. Barra minn hekk, huwa ċar li fil-fatt kienu ż-żewġ diretturi li kienu responsabbli mix-xogħlijiet li saru – jew li ma sarux – fuq il-korsa tal-ilma. Iktar importanti minn hekk, pero`, id-dmir tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma "li tipprovdi, ittejjeb u tkabbar dik is-sistema ta' drenaġġ pubbliku u li tnaddaf u li żżomm fi stat tajjeb biex tassigura li din topera mingħajr periklu u b'mod effiċenti"[56] daħal fis-seħħ fl-1 t'Ottubru 2003 u ċjoe` wara l-maltempata *de quo.*

L-Awtorita` ta' Malta dwar ir-Riżorsi hi kostitwita bis-saħħa tal-Kap 423 (mhux Kap 432 kif erronjament indikat fiċ-ċitazzjoni). Il-funzjonijiet tagħha, skont l-Art. 4(2) tal-istess Att, huma prinċipalment ta' natura regolatorja, u ċjoe` li tissorvelja lil terzi li huma responsabbli miż-żamma u manutenzjoni tar-rain water systems f'pajjiżna. Il-periti oriġinali eżentawha mir-responsabilita`; il-periti perizjuri kkonkludew li hija responsabbli skont l-Art.4(2)(b)(ii)(iii)(viii) iżda ma tistax twieġeb għat-talbiet attriċi għaliex dawn huma bbażati fuq responsabilita` u mhux fuq *vicarious liability*. Din id-disposizzjoni taqra hekk:

> "4(2) L-Awtorità għandha wkoll:-
>
> (*b*)[57] * għar-rigward tal-ilma -
>
> (i) tassigura u tirregola l-akkwist, il-produzzjoni, il- ħażna, id-distribuzzjoni jew disponiment ieħor tal-ilma għal għanijiet domestiċi, kummerċjali, industrijali jew oħrajn;

---

[54] deposizzjonijiet ta' Raymond Bugeja, Perit John Valentino, Nicholas Baldacchino.

[55] Anthony Fenech v Paul Gauci Prim'Awla 21.02.1994

[56] Kap 355, Art. 3(ċ)(1)

[57] Għadu fis-seħħ limitatament fejn dan jikkonċerna r-riżorsi minerali u l-leġislazzjoni mniżżla fit-Tieni Skeda li tinsab mal-Att XXV tal-2015 biss.

(ii) tassigura u tirregola l-konservazzjoni, t-tikbir u l-operazzjoni tar-riżorsi tal-ilma u tal-għejjun tal-provvista tal-ilma;

(iii) tassigura u tirregola t-trattament, il-ħżin, id- disponiment, l-użu jew l-użu mill-ġdid, kif f'loku, ta' skart likwidu, ilma mhux tax-xorb, ilma mtajjan u ilma tax-xita…

(viii) tagħmel l-aħjar użu mill-ilma tax-xita.

Għalkemm dawn huma responsabilijiet regolatorji, ma jfissirx li l-Awtorita` għandha xi responsabilita` vikarja – kif ikkonkludew il-periti perizjuri. Ir-responsabilita` tas-sorveljanza hija tagħha u ta' ħadd iżjed. Għalhekk ġiet maħluqa – biex tgħasses lil ħaddieħor. L-Awtorita` hija għalhekk responsabbli fir-rata ta' 15%.

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi għandu responsabilitajiet li joħorġu mill-Artiklu 33 tal-Kapitlu 363 tal-Liġijiet ta' Malta. Ix-xogħol biex jiġi evitat l-għargħar kien jinvolvi proġett infrastrutturali ta' natura nazzjonali li żgur ma kienx jaqa' fil-mansjonijiet tal-istess Kunsill. Iżda ċertament li kkontribwixxa biex iżomm il-flow tal-ilma minn fuq ir-*roundabout* biswit l-istabbiliment tal-atturi meta kompla għolliha. Għalhekk għandu responsabilita` ta' 5%.

L-Awtorita` għat-Trasport f'Malta hija mwaqqfa permezz tal-Kapitlu 499 tal-Liġijiet ta' Malta. Skont l-Artiklu 7 tiegħu għandha l-funzjoni ewlenija li tamministra dak kollu li għandu x'jaqsam mat-toroq kollha għajr dawk sekondarji li jaqgħu fil-mansjonijiet tal-Kunsilli Lokali. Hija għalhekk responsabbli għad-disinn, kostruzzjoni u manutensjoni tal-mina taħt Triq Aldo Moro, fil-Marsa li sservi bħala parti mill-watercourse għal storm water, u li kienet waħda mill-ostakli għall-kors tal-ilma. Il-Qorti taqbel mal-Periti Perizjuri li għandha ġġorr 10% mir-responsabilita`.

***Likwidazzjoni tad-danni***

Il-Periti Perizjuri kkonkludew hekk dwar il-likwidazzjoni tad-danni:

"Is-soċjetajiet attriċi ikkwantifikaw id-danni minnhom sofferti fl-ammont ta' €453,123.27. Pero` minn din is-somma ċertament irid jitnaqqas ammont ekwivalenti għal deprezzament tal-apparat mediku li tat-telf

tiegħu is-soċjetajiet attriċi qed jitolbu kumpens. Ma għandhiex mis-sewwa s-sottomissjoni tas-soċjetajiet attriċi li m'għandux jiġi applikat deprezzament. Dan id-deprezzament taħseb għalih il-liġi nostrana u senjatament il-liġi sussidjarja 123.01 li fil-fehma tal-esponent ġaladarba hija ta' natura fiskali hija wkoll ta' ordni pubbliku u kwindi applikabbli f'kull każ mingħajr eċċezzjoni.

"Din il-liġi introdotta fl-2002, tipprovdi li fil-każ ta' makkinarju ta' natura medika għandu jiġi applikat deprezzament ta' 16.67 perċentwali fis-sena li jieħu in kunsiderazzjoni l-wear and tear tal-istess. Xejn ma tagħmel differenza li hawn si tratta ta' makkinarju speċjalizzat meta l-istess differenza l-leġislatur ħaseb għaliha fl-iskeda annessa mal-istess liġi.

"Għaldaqstant is-somma indikata bħala danni għall-makkinarju mediku u ċjoe` LM66,493.75 (€154,888.77) (Fol 406) għandha tiġi mnaqqsa għal €129,068.81. Stante li ma nġabitx prova ta' meta effettivament kien inxtara l-makkinarju destrutt, *arbitrio boni viri* qed jiġi applikat deprezzament ta' sena waħda biss. **Dan iwassal għal total ta' €427,303.61."**

L-atturi ressqu provi konvinċenti dwar id-danni minnhom sofferti. Ħadd mill-konvenuti m'attakka din il-likwidazzjoni tal-periti perizjuri fin-noti ta' sottomissjonijiet sussegwenti tagħhom.

**Decide:**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

1. tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-Ministru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura, Ministru għall-Iżvilupp Urban u Toroq kif sostitwiti bil-Ministru għall-Komunikazzjoni u Proġetti Nazzjonali u Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali u tilliberahom mill-osservanza tal-ġudizzju.

2. tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-Awtorita` ta' Malta dwar ir-Riżorsi.

3. tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi.

4. Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-Awtorita ` dwar it-Trasport ta' Malta.

5. Tiċħad l-eċċezzjonijiet l-oħrajn kollha tal-konvenuti safejn dawn mhumiex kompatibbli ma' din is-sentenza.

6. Tilqa' l-ewwel talba billi tiddikjara lill-konvenuta Awtorita` ta' Malta dwar ir-Riżorsi responsabbli għad-danni fil-kwota ta' 15%; lill-konvenut Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi fil-kwota ta' 5%; lill-Awtorita`dwar it-Trasport ta' Malta fil-kwota ta' 10% u lid-Direttur Generali tax-Xogħlijiet u lid-Direttur tal-Kostruzzjoni u Manutenzjoni solidalment bejniethom fil-kwota ta' 45%.

7. Tilqa' t-tieni talba billi tillikwida l-parti mill-istess danni attribwibbli lill-konvenuti fis-somma ta' fis-somma ta' €320,477.08.

8. Tilqa' t-tielet talba billi tikkundanna għall-ħlas tal-istess danni lill-konvenuta Awtorita` ta' Malta dwar ir-Riżorsi għas-somma ta' €64,095.54; lill-konvenut Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi għas-somma ta' €21,365.18; lill-Awtorita`dwar it-Trasport ta' Malta fis-somma ta' €42,730.36; u lid-Direttur Generali tax-Xogħlijiet u lid-Direttur tal-Kostruzzjoni u Manutenzjoni solidalment bejniethom fis-somma ta' €192,286.62.

Bl-imgħax mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv u bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittri uffiċjali tal-20 ta' Jannar 2004 u tat-30 t'Awwissu 2005.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA